**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**Distrett Qormi**

**Il-Pulizija**
**vs**
**Grazio Grech**

**Illum, 1 ta' April, 2022.**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Grazio Grech, detentur tal-karta tal-identità numru 0068956M, li permezz tagħhom ġie akkużat talli fit-23 ta' Jannar 2021, bejn il-ħinijiet ta' 13:58hrs u 14:15hrs, ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal-Qormi fi Triq il-Kbira, Ħal Qormi:

> *"1. Volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju.*
>
> *2. Inqast li tobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilek minn PS 1284, uffiċjal pubbliku, waqt li kien qed jaqdi d-doveri tiegħu jew ma ħallejtx jaqdi, jew fixkilt jew indħalt lil imsemmi uffiċjal waqt il-qadi ta' dmirijietu.*
>
> *3. Attakajt jew għamilt reżistenża bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma' titqiesx vjolenza pubblika, kontra PS 1284 u PC 271, persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienet qed taġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti.*
>
> *4. żammejt f'xi fond jew kellek fil-pussess tiegħek, taħt il-kontroll tiegħek jew ġarrejt barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħek xi arma bil-ponta (mus għamla VIROBLOC BREVETE No. 7 b'tul tax-xafra 7.5ċm u tul*

*totali ta' 17.5ċm elenkati fl-Iskeda II tal-Att dwar l-Armi (Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta) mingħajr ma' kellek liċenzja taħt dak l-Att."*

Rat id-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi;

Semgħet trattazzjoni finali;

Rat l-artikoli relevanti;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat;**

L-imputat qed jiġi akkużat li volontarjament, kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika, b'għajjat u storbju. L-Art. 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi kif ġej:

*"338. Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min –*

*(dd) b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il- Kodiċi, jikser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku".*

Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet, 'Il-Pulizija vs Rocco D'Alessandro' deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-20 ta' Mejju 2013, fejn intqal:

*'Minħabba li l-ewwel imputazzjoni hija ksur volontarju tal-bon-ordni jew tal-paċi pubblika, il-Qorti qed tirreferi għas- sentenza 'Il-Pulizija versus Michael Camilleri et' tas-27 ta' Frar 2008, tal-Qorti tal-Appell Kriminali, kif preseduta mill-Imħallef Dr.David Scicluna. F'dik is-sentenza nsibu dan li ġej dwar in-natura ta' din il-kontravenzjoni.*

*'Issa, kif gie spjegat fl-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija v. Paul Busuttil' deciz fit-23 ta' Gunju 1994:*

*"Skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, dan ir-reat javvera ruħu meta jkun hemm dak li fil-common law Ingliża kien jissejjah 'a breach of the peace'. Din l-ekwiparazzjoni ta' dana r-reat mal-kunċett*

*Ingliz ta' 'a breach of the peace' tirrisali għal zmien Sir Adriano Dingli li proprju f'kawza deciza minnu fl-10 ta' Gunju, 1890, fl-ismijiet 'Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et.,' kien qal hekk:*

*'Che il buon ordine e la tranquillita` pubblica sta nella sicurezza, o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all'autorita` pubblica, sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, e` violazione dell'ordine pubblico, indipendentemente dalla perpetrazione di altro reato'(Kollez. Vol. XII, p. 472, 475).1 Vol. LXXVIII.v.277.*

*A skans ta' ħafna repetizzjoni, din il-Qorti tagħmel referenza għall-ġurisprudenza migbura fl-artikolu intitolat 'Calleja v. Balzan: Reflections on Public Order' pubblikat fil-Vol. X ta' The Law Journal - Id-Dritt (University of Malta, Autumn 1983) pagna 13 et seq., u specjalment pagni 28 sa 31. B'zieda ma' dak li hemm f'dak l-artikolu wieħed jista' jghid li r-reat ta' 'breach of the peace' fil-ligi Skoċċiza jirrikjedi wkoll ċertu element, imqar f'ammont żgħir hafna, ta' allarm. Fi kliem McCall Smith u Sheldon, fil-ktieb tagħhom. 'Scots Criminal Law', Edinburgh, Butterworths, 1992):*

*'The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be 'alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace'. Alarm may now be too strong a term: in Macmillan v. Normand (1989) the offence was committed when abusive language caused 'concern' on the part of policemen at whom it was directed' (p.192).*

*Naturalment huwa kwazi impossibbli li wieħed jiddeċiedi aprioristikament x'jammonta jew x'ma jammontax f'kull kaz għar-reat ta' ksur volontarju tal-bon ordni u l-kwiet tal- pubbliku.*

*Kif jgħid awtur ieħor Skoċċiż, Gerald H. Gordon, fit-test awtorevoli tiegħu 'The Criminal Law of Scotland' (Edinburgh, 1978):*

*'Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application' (p.985, para. 41- 01).*

*U aktar 'il quddiem l-istess awtur jghid: ' Although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone, such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead to actual disturbance' (p. 986, para. 41-01).*

*Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Joseph Spiteri deciz fl-24 ta' Mejju 1996, din il-Qorti diversament presjeduta żiedet tgħid hekk:*

*"Il-Qorti hawnhekk tixtieq tippreciza a skans ta' ekwivoċi li l-kuncett ta' 'breach of the peace' kif abbraccjat fl-Iskozja huwa aktar wiesa' minn kif ġie interpretat mill-qrati Inglizi. Fi kliem Jones u Christie fil-ktieb taghhom 'Criminal Law' (Edinburgh, Sweet & Maxwell, 1992), b'referenza għal-liġi Skoċċiża in materja:*

*'While the major part of the criminal law of Scotland could indeed be expressed in some facile, breach-of the-peace- type phrase, such as 'doing things (or refraining from doing things) which cause, or could reasonably cause alarm or disturbance', this would lead inevitably to complete uncertainty as to what exactly the law did prohibit. At present there is considerable uncertainty as to what breach of the peace itself properly covers; and it would thus be most unwelcome to extend that uncertainty by enlarging the scope of breach of the peace at the expense of other, fairly well defined offences. But this is, of course, something of a vicious circle. It is precisely because breach of the peace has become so ill-defined that it has proved possible for it to stray into fields occupied by other offences. The only way to halt this process is for breach of the peace to be defined in a clearer and more limited fashion than is currently the case. Regrettably, however, there is little indication that this is likely to be so' (p. 295).*

*Il-kuncett Ingliz ta' 'breach of the peace' li, kif ingħad, il- Qrati tagħna jidher li fil-massima segwew, ġie spjegat mill- Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tiegħu 'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987) hekk:*

*'Because of the association between 'peace' and 'quiet', there is a natural tendency to suppose that a breach of the peace is 'any behaviour that disturbed or tended to disturb the tranquillity of the citizenry'. But if any legal expression is a term of art, breach of the peace is one of them. Recently the courts have refined the concept, and established very clearly that it is allied to harm, actual or prospective, against persons or property. The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in Howell . Watkins L.J. said:*

*'Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done' (p.182).*

*Minn dana kollu din il-Qorti tara li, bħala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba c-*

*cirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew imputat) dwar l-inkolumita` fiżika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilita` ta' reazzjoni għal dak l-għemil. Naturalment dawn iċ-ċirkostanzi jridu jkunu tali li oġġettivament inisslu l-imsemmi nkwiet jew tħassib.'*

*Il-Qorti kkwotat minn din is-sentenza 'in extenso' għaliex l- ispjegazzjoni mogħtija tista' tgħin biex il-Prosekuzzjoni tkun tista' tiddeċiedi aħjar meta għandha tagħti din l-imputazzjoni u meta le.*

*Minn dan il-każ jirriżulta li l-prinċipju li Qorti għandha ssegwi biex tara jekk kienx hemm ksur tal-ordni pubbliku huwa jekk mill-atti jirriżultax xi għemil volontarju li minnu nnifsu jnissel xi minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna dwar l-inkolumita' fiżika ta' persuna jew proprjeta'.'*

Mill-provi prodotti, din il-Qorti tqies li din l-imputazzjoni ġiet ampjament ippruvata. Dana partikolarment mix-xhieda mogħtija minn Edward John Bonello u l-Uffiċjali tal-Pulizija li kienu preżenti meta seħħ dan l-inċident. Il-Qorti hija sodisfatta mill-provi miġjuba, li kien hemm ksur tal-ordni pubblika da parti tal-imputat, li bl-għemil volontarju tiegħu, nissel inkwiet jew tħassib f'moħħ terzi persuni preżenti, dwar l-inkolumità fiżika ta' persuna jew proprjetà.

It-tieni imputazzjoni tikkonċerna l-Art. 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jiddisponi kif ġej:

*"338. Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku,kull min –*

*(ee) ma jobdix l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma jħallihx jew ifixklu waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, jindaħal fi dmiru, billi ma jħallix lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi jġib fix-xejn jew iħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma jkunux jaqgħu taħt dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi oħra."*

Il-Qorti tqies li din l-imputazzjoni ġiet ampjament ippruvata. Malli l-imputat tawwal ilsienu mal-Uffiċjali tal-Pulizija u sostna li huwa kien sejjer lejn id-dar, huwa ngħata ordni minn PS 1284, sabiex ma jitlaqx u jibqa' ġol-Għassa, peress li l-istess PS 1284 ried ikellmu. Madanakollu, l-imputat għamel ta' rasu u njora l-ordni mogħtija lilu minn PS 1284, bil-konsegwenza li kellha tintuża forza minima sabiex l-imputat jerġa' jiddaħħal ġewwa l-Għassa tal-Pulizija. Il-Qorti qieset li nonostante li huwa minnu li l-imputat mar minn jeddu ġewwa l-Għassa tal-

Pulizija, wara li huwa ġie mitlub jagħmel dan permezz ta' telefonata mingħand l-istess Uffiċjal tal-Pulizija, l-imputat kellu jobdi dak li jiġi ordnat lilu mill-Uffiċjal tal-Pulizija. Irriżulta mix-xhieda mogħtija, li l-imputat, malli daħal fl-Għassa, qajjem storbju u għajjat, malli ra li kien hemm persuna oħra fl-istess post fejn kien hemm hu, u li lanqas biss ta l-opportunità lil PS 1284 biex ikellmu u jsaqsih, dak li kellu jsaqsih in konnessjoni ma' investigazzjoni, rigwardanti xi ħsarat li kienu ġew sofferti fuq vettura ta' terza persuna.

Ġialadarba l-imputat ġie mogħti ordni mill-Uffiċjal tal-Puliżija biex jibqa' fl-Għassa għax kellu bżonn ikellmu u jsaqsih xi domandi, iżda minflok għażel li ma jobdix, din il-Qorti tqies li din l-imputazzjoni, irriżultat ampjament ikkonfermata.

L-imputat ġie akkużat ai termini tal-Artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ntqal fil-kawża, Pulizija (Spettur Daryl Borg) vs Jerken Decelis' deċiża minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fit-22 ta' Novembru 2013:

> *'L-imputat kien fid-dmir li, minghajr paroli u xenati zejda, jobdi l-ordnijiet legittimi li kienu gew moghtija lilu mill-Pulizija sabiex imur l-Ghassa ta' San Glijan. L-ordnijiet legittimi moghtija mill-Pulizija lic-cittadin ma humiex hemmhekk biex jigu konstestati, argumentati, mkasbra jew injorati sommarjament mir-ricevent. Qeghdin hemmhekk biex jigu obduti –dejjem u minghajr dewmien, ghalkemm bla pregudizju ghad-dritt ta' dak li jkun li jirreklama wara l-gustizzja intrinseka ta' dik l-ordni (Il-Pulizija vs Maria Victoria Sive Marvic Attard Gialanze, Qorti tal-Appell Kriminali, per VDG, 25 ta' Gunju 1997). Altrimenti jkun ifisser li kull persuna jkollha l-jedd tagixxi kif trid u joghgobha minghajr hadd ma jista' jzommha jew irazzanha. Nigu fi stat ta' gungla – l-antitezi tal-ordni mehtiega biex il-hajja socjali tkun tista tezisti f'armonija relattiva.'*

F'dik il-kawża, il-Qorti kompliet tispjega li:

> *'Il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat ikkommetta r-reati mnissla minn ingurji jew theddid kontra ufficjali pubblici jew offizi fuq il-persuna taghhom. Il-kwistjoni legali hawnhekk hija jekk b'tali azzjonijiet l-imputat irrendiex ruhu hati tar-reat ta' attakk jew rezistenza bi vjolenza kontra l-Pulizija. Wara li l-Qorti gharblet il-provi kollha nonche l-gurisprudenza applikabbli ghall-istess, thoss li l-estremi ta' dan ir-reat imnissel mill- Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali ma jezistux f'dan il-kaz. Dan ghar-ragunijiet segwenti. Ghalkemm huwa minnu li l- imputat irrezista dan l-arrest u huwa minnu wkoll li fil- mument tar-rezistenza PS 1456 weggha hafif sebghu il- kbir t'idu l-leminija, l-istess Pulizija jtennu li l-imputat ma hebbx*

*ghalihom jew attakkahom. Il-kwistjoni legali hija – l-imputat qabez il-limiti tar-rezistenza ghall-arrest li jwassal ghal rezistenza bi vjolenza jew addirittura attakk fuq il- Pulizija?*

*Skont l-Gharef Imhallef William Harding fil-kaz "Il-Pulizija vs John Mallia" deciz nhar il-21 ta' Mejju 1960 : -*

*Jekk wiehed jindahal fid-doveri tal-pulizija u juza mhux biss "vie di fatto", imma vjolenza effettiva allura hu jkun hati ta' attakk u rezistenza lill-Pulizija a differenza tal-kaz, fejn ikun hemm semplici kliem oltragguz jew semplici minacci jew "mera inazione". Fil-kaz tal-persuna li tkun f'idejn il-Pulizija jista' talvolta jkun hemm certa tolleranza, billi dik il-persuna tkun qeghda tirrezisti lill-Pulizja ghax tkun spinta mix-xewqa naturali tal-liberta' proprja; imma din it-tolleranza tispicca malli dik il-persuna tispingi jdejha fuq il-membri tal-Pulizija li jkunu qeghdin izommuha biex toffendihom fil-persuna taghhom u tmur oltre s-semplici sforz biex tevadi l-arrest.*

*Issa f'dan il-kaz, din il-Qorti thoss li dak li ghamel l-imputat kien precizament li rrezista lill-Pulizija ghax kien spint mix- xewqa naturali tal-liberta proprja – u mix-xiehda tal- Pulizija li kienu qeghdin jezegwixxu l-manuvra tal-arrest jirrizulta li l-imputat ma hebbx ghalihom; u ghalhekk din il- Qorti ma thosshiex moralment konvinta li bl-agir tieghu l- imputat spinga jdejh fuq il-Pulizija li kienu qeghdin izommuh biex joffendihom fuq il-persuna taghhom.*

*Il- griehi sofferti minn PS 1456 kienu konsegwenzjali ghall- movimenti fizici inkonsulti tal-imputat biex ma jigix immanettjat u ma kienux konsegwenzjali ghal movimenti fizici ohrajn li permezz taghhom l-imputat ried li joffendi lil PS 1456 fuq il-persuna tieghu biex iwegghu.*

*Fuq dan il-punt, il-Qorti sejra ssegwi l-insenjament imnissel mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz "Il-Pulizija vs Joseph Zahra" deciza nhar l-10 ta' Mejju 2002 fejn similment ghal dak li gara f'dak il-kaz, fil-kaz in disamina ma giex pruvat sodisfacentement li kemm (a) mill-movimenti fizici maghmula mill-imputat waqt li kien qieghed jirrezisti l-arrest u (b) mill-grad ta' forza uzata minnu waqt din ir-rezistenza jista' jinghad li l-imputat ippreveda l-possibilita li b'dak li kien ser jaghmel seta' jikkaguna hsara u ghalkemm ma riedx dik il-hsara huwa kien indifferenti ghall-konsegwenza ta' ghemilu b'mod li xorta ghamel l-att li kkaguna l-hsara (intenzjoni pozittiva indiretta). Izda l-Qorti hija konvinta moralment li l-imputat, ghalkemm ma riedx jikkawza hsara lill-min kien qieghed jipprova jarrestah waqt li qed jipprova ma jhallihomx jimmanettjawh, huwa kien xorta fid-dmir li jintebah li b'dak li kien qieghed jaghmel seta' jikkaguna xi hsara lil min kien qieghed jipprova jimmanettjah. Kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali ghalhekk il-hsara ma kienetx dolozament ikkagunata izda kienet ikkagunata kolpozament u ghalhekk il-griehi sofferti minn PS*

*1456 ma jistghux f'dan is-sens jitqiesu li kienu griehi ta' natura hafifa kagunati volontarjament mill-imputat, izda semmai kienu griehi ta' natura hafifa ikkagunati involontarjament filwaqt li l-imputat kien qieghed jipprova ma jhallix lill- Pulizija jimmanettjawh. Konsegwentement l-imputat ghandu jigi ritenut responsabbli ai termini tal-Artikolu 226(1) tal-Kodici Kriminali u mhux tal-Artikolu 214 u 221(1) tal-istess Kodici.'*

F' 'Il-Pulizija (Spettur Spiridione Zammit) (Spettur Jurgen Vella) vs Faiz Omar Elsallak' deċiża minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fid-29 ta' Settembru 2014, intqal li:

*'L-Artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana r-reat:*

*Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana r-reat. Il- Mamo jkompli jghid: "It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith". Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussisti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95 biss. Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghal htija taht dina d-disposizzjoni tal-ligi.*

*Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku". Illi l-Qorti taghmel riferenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioé illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dana r-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti l-mens rea ghal kummissjoni ta' dana r-reat ikun nieqes.*

*Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo jkompli jghid: "Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."*

Applikati għall-fattispeċie tal-każ in eżami, din il-Qorti tqis li għalkemm hija konvinta lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, li l-imputat naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħijta lilu minn PS 1284 waqt li dan kien qed jaqdi d-doveri tiegħu, il-Qorti ma tqisx iżda, li l-estremi tar-reat kontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ġew ippruvati. Dak li trid tqis din il-Qorti huwa, jekk bl-azzjonijiet li ħa, l-imputat irrendiex ruħu ħati ta' reat ta' attakk jew reżistenza bi vjolenza kontra l-Pulizija.

F'dan il-każ, dak li għamel l-imputat kien, li ddeċieda li jitlaq 'il barra mill-Għassa, nonostante li huwa ġie mitlub biex jibqa' fl-Għassa ħalli jiġi mistoqsi xi domandi. L-imputat baqa' sejjer 'il barra, u kien għalhekk li l-Uffiċjali tal-Pulizija użaw forza minima sabiex dan ma jibqax sejjer. Irriżulta mill-affidavits tal-Uffiċjali tal-Pulizija ppreżentati, li dan irreżista lill-Pulizija biex jerġa' jidħol ġewwa l-Għassa, tant li beda jiġbed ruħu lura sabiex jitlaq. Madanakollu, l-ebda Uffiċjal tal-Pulizija ma xehed fis-sens, li l-imputat attakka jew weġġa' lil xi Uffiċjal tal-Pulizija. Il-Qorti ma tqisx li ġie ppruvat li l-imputat qabeż il-limiti tar-reżistenza, iktar u iktar tenut kont li sa dak il-ħin, huwa kien mar minn jeddu ġewwa l-Għassa tal-Pulizija, u ma kienx għadu ġie nfurmat li kien qiegħed jiġi miżmum taħt arrest. Il-Qorti tqies li fiċ-ċirkostanzi hekk kif irriżultaw mill-provi prodotti, l-imputat ma marx oltre s-sempliċi sforz, biex jevadi li jibqa' miżmum ġewwa l-Għassa tal-Pulizija.

Il-Qorti għalhekk, sejra tillibera lill-imputat mit-tielet imputazzjoni.

Dwar ir-raba' imputazzjoni, din il-Qorti tqies li dan ġie akkużat talli żamm fuq il-persuna tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu, jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu, mus għamla VIROBLOC BREVETE No 7, b'tul ta' xafra 7.5ċm u tul totali ta' 17.5ċm, u dana mingħajr ma kellu liċenzja għal dan il-fini.

Il-Qorti tqies li nonostante kif ġiet imniżżla l-imputazzjoni fit-taħrika tal-kawża, l-imputat qed jiġi akkużat in vista tal-fatt li kellu fuq il-persuna tiegħu, mus. Għaldaqstant, din il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikoli 6 u 7 tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta, li jaqraw:

> *6.Salvi d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 8 ħadd ma għandu jġorr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma jkollu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju.*
>
> *7. Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6 ma jgħoddux għal:*

*(a) mus li jkollu xafra li toħroġ mhux aktar minn tmien ċentimetri mill-maqbad u li jista' raġonevolment jitqies li jkun qed jinġarr bil-għan li jsir dak l-użu minnu bħal dak li soltu jsir minn mus;*
*(b) sikkina li tintuża minn xi persuna bil-għan tat-twettiq tas-sengħa jew għall-fini tal-istudji tagħha, jew għal għanijiet ta' għads meta, wara li tqis il-ħin, il-post u ċirkostanzi oħra, il-qorti tkun sodisfatta li dik is-sikkina kienet qiegħda attwalment tinġarr għal dawk il-finijiet.*

Irriżulta mill-provi, li l-imputat kellu fuqu mus, li ġie elevat minn fuq il-persuna tal-imputat, u li ġie ppreżentat fl-atti ta' din il-kawża. Irriżulta wkoll mill-istess imputazzjoni, li dan il-mus kellu xafra b'tul ta' 7.5 ċentimetri. Irriżulta wkoll li l-imputat spjega li huwa jġorr il-mus fuqu biex jużah f'każ ta' bżonn, bħal jekk ikun involut f'inċident, u jkollu bżonn jaqta' s-*seat belt.* L-imputat fl-ebda ħin ma utilizza dan il-mus waqt dak li seħħ. In oltre, il-Qorti hija sodisfatta li dan il-mus kien qed jinġarr bil-għan li jsir dak l-użu minnu, bħal dak li s-soltu jsir minn mus.

Il-Qorti tqies li in vista ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 7(a) tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat sejjer ukoll jiġi lliberat minn din l-imputazzjoni.

**Deċide**

**Għal dawn ir-raġunijiet fuq sottomessi, din l-Onorabbli Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża, billi tillibera lill-imputat mit-tielet u r-raba' imputazzjoni, filwaqt li wara li rat l-Artikoli 338(dd) u 338(ee) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tikkundanna lil Grazio Grech għal ħlas ta' ammenda ta' ħamsin Ewro (€50).**

**Maġistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**